**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Ahmad Abdelhamid Homada**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ahmad Abdelhamid Homada ta' erbgħa u għoxrin (24) sena bin Abdul Hamid u Afar nee' Kassim, mwieled nhar l-4 ta' Lulju 2000 ġewwa s-Sirja mingħajr indirizz fiss detentur tal-karta ta' Protezzjoni Sussidjarja Bulgara bin-numru 852018267 u Passaport Bulgaru bin-numru 860082037.

Akkuzat talli nhar il-Ġimgħa sitta (06) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-sieħba tiegħu Clara Farrugia f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura ħafifa hekk kif giet iccertifikatha mit-tobba Dr Med Alessia Amoroso bin-numru tar-registrazzjoni mediku 6723 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana,

   Artiklu 214, 215, 221(1), 221(1)(a) u 202(h)(i)(vi) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil Clara Farrugia biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) liema reat sar fuq is-sieħba preżenti jew ta' qabel;

   Artikoli 251(3), 251H(a)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

   Artikoli 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Clara Farrugia billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta sitt snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u irregistra ammissjoni bikrija. Ghalhekk hu ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta’ din il-Qorti.

10. Ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali netta, hu ammetta li ilu Malta hames (5) xhur u gej u sejjer Malta. Il-Prosekuzzjoni informat lill-Qorti li malli dawn il-proceduri jintemmu, l-imputat kien ser jigi deportat.

**Konkluzjoni**

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1), 251(3), 251H(a)(f), 338(ff) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkosanzi kollha tal-kaz u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Carla Farrugia. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

12. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

13. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**